# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 23**

**Ċitazzjoni numru 971/2005 AF**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company**

***v.***

**Charles Tahir, Larson Pace, Joseph Grima, Daniel Grima u SMS Insurance Agency Limited (C5645) rapprezentanti s-soċjetà estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.; u b'dikriet tal-21 ta' Novembru 2011 tħallew li jintervjenu fil-kawża in statu et terminis il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar 2014 li ċaħdet talba tas-soċjetà

attriċi biex titħassar polza ta' assigurazzjoni maħruġa minnha favur il-konvenut Tahir, u biex għalhekk tgħid illi l-attriċi ma hijiex marbuta favur il-konvenut Pace u li ma hijiex marbuta tagħmel tajjab għal danni taħt il-polza. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. L-attriċi kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni favur il-konvenut Tahir fuq vettura tiegħu taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni ["Kap. 104"]. Waħda mill-kondizz-jonijiet tal-polza tgħid hekk:

> »12. The Company shall not be liable in respect of any accident loss damage or liability caused sustained or incurred in connection with any Vehicle described in Part 1 of the Schedule to this Policy in relation to which the Insured has entered into any transaction by way of contract of sale or purported contract of sale whether such transaction constitutes a valid contract of sale of such Vehicle or would have constituted a valid contract of sale but for the failure to comply with the provisions of the Duty on Documents Act, 1981 and any amendment thereto. If by reason of the Motor Vehicle Insurance (Third Party Risks) Ordinance Cap. 104 the Company pays any sum for which under the terms of this clause the Company is not liable the insured shall repay such sum to the Company.«

3. L-attriċi tgħid illi l-konvenut Tahir – l-assigurat – bigħ il-vettura lill-konvenut l-ieħor Pace fil-11 ta' Settembru 2003 u illi għalhekk il-polza waqgħet billi seħħet il-kondizzzjoni fuq imsemmija. Ġara mbagħad illi fl-14 ta' Ottubru 2003 seħħ inċident bejn l-istess vettura misjuqa minn Pace u vettura oħra proprjetà tal-konvenut Joseph Grima, assigurata mill-konvenuta *SMS Insurance Agency Limited nomine* ["*SMS*"] u misjuqa mill-konvenut Daniel Grima. *SMS* fetħet kawża[1] kontra Pace, b'notifika wkoll lis-soċjetà attriċi, u b'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006 li minnha ma' sarx appell il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lil

1 *SMS Insurance Agency nomine v.* Larson Pace, avviż nru 296/2004.

Pace jħallas lil *SMS* elfejn, sitt mija u tlieta u tmenin euro (Lm 2,683) u l-ispejjeż tal-kawża.

4. Billi *SMS* tippretendi li bis-saħħa tas-sentenza tista' titħallas mingħand l-attriċi, u l-attriċi min-naħa l-oħra tgħid illi ma hijiex marbuta, l-attriċi fit-13 ta' Ottubru 2005 fetħet din il-kawża tallum kontra Tahir, Pace, Joseph u Daniel Grima u *SMS* u talbet illi l-qorti:

> »tiddikjara li l-polza ta' assigurazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut Charles Tahir kienet iddekadiet awtomatikament u *ipso facto* b'effett mill-11 ta' Settembru 2003;
>
> »tiddikjara li ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut Larson Pace;
>
> »tiddikjara li s-soċjetà attriċi ma hija responsabbli għall-ħlas ta' ebda danni kaġunati fl-inċident *de quo*.«

5. B'dikriet tal-21 ta' Novembru 2011 tħalla jidħol fil-kawża l-*Fond għal Protezzjoni* ["il-Fond"].

6. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, bla ħsara għal kull jedd li l-attriċi jista' jkollha kontra Tahir, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-fatti li taw lok għal din il-kawża mhumiex kontestati. Jirriżulta illi s-soċjetà attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni lil Charles Tahir fuq vettura DBD-672 fit-30 ta' Mejju 2003. Charles Tahir bigħ il-vettura lil Larson Pace fil-11 ta' Settembru 2003. Il-polza tistipula li f'każ ta' bejgħ tal-vettura din tiddekadi *ipso facto*. Fl-14 ta' Ottubru 2003 Larson Pace kien involut f'inċident u kkawża danni lil Daniel Grima u Joseph Grima u konsegwentement lill-assikurazzjoni tagħhom *SMS Insurance Agency.*
>
> »L-art. 10(1) tal-Kap. 104 jipprovdi illi:
>
>> »"**10.** (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li

għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu.

»… … …

»… … … sabiex soċjetà assiguratrici tevita li tkopri danni kaġunati lil terz trid tieħu passi a tenur tal-art. 10(2)(*ċ*) tal-Kap. 104. Ftehim bejn l-assikuratur u l-assigurat mhuwiex biżżejjed, partikolarment jekk, bħal ma ġara fil-każ odjern, isir wara li seħħ l-inċident.

»Fil-kawża odjerna, is-soċjetà attriċi ma għamlet ebda proċeduri għall-kanċellament tal-polza u r-ritorn taċ-ċertifikat, u dan kif konfermat mir-rappreżentant tagħha stess meta xehed quddiem din il-qorti fil-5 ta' Gunju 2012.

»… … …

»Il-qorti hi tal-fehma li l-fattispeċie tal-kawża odjerna huma preċiżament dawk kontemplati fil-Kap. 104. Dan, però, ma jfissirx li s-soċjetà attriċi ma jistax ikollha drittijiet fil-konfront tal-assigurat tagħha jekk dan ma onorax l-obbligi tiegħu skont il-polza. Dan, però, ma jaffettwax lit-terz danneġġjat.

»Finalment, is-soċjetà attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha żżid il-fattur li s-sewwiq fil-mument tal-inċident kellu anqas minn 25 sena. Il-qorti fil-kuntest hi tal-fehma li hija marbuta mal-parametri stretti taċ-ċitazzjoni u ma hux accettat li konsiderazzjonijiet ta' din ix-xorta, li jafu jkunu kawżali oħra tal-proceduri, … jitqiesu u jitqajmu fl-istadju ta' sottomissjonijiet.

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fid-dawl tal-fuq espost, tiċħad it-talbiet ta' *Montaldo Insurance Agency Limited* b'riżerva ta' kull dritt ieħor spettanti lilha fil-konfront ta' Charles Tahir.

»L-ispejjeż jitħallsu mill-istess soċjetà *Montaldo Insurance Agency Limited*.«

7. L-attriċi appellat b'rikors tas-17 ta' Marzu 2014 li għalih wieġeb il-Fond fl-1 ta' April 2014 u l-konvenuti Grima fl-10 ta' April 2014.

8. L-aggravju tal-appell huwa msejjes fuq "nuqqas ta' relazzjoni ġuridika" bejn l-attriċi u l-konvenut Pace. L-attriċi tistrieħ fuq ir-reg. 24(3)(*ċ*) tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens ["L.S. 403.13" jew "ir-Regolamenti"], li huma leġislazzjoni sussidjarja:

»**24.** (3) Assiguratur mhuwiex l-assiguratur konċernat –

»… … …

»(*ċ*) meta l-assigurazzjoni tkun waqfet milli tibqa' fis-seħħ qabel id-data meta tkun ġiet inkorsa r-responsabbiltà ċivili minħabba t-trasferiment ta' interess fil-vettura li l-assigurazzjoni tkun intiża li qed tkopri;«

9. Iżda r-responsabbiltà tal-attriċi toħroġ mill-art. 10(1) tal-Kap. 104, li jżomm lill-assiguratur responsabbli wkoll "għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza". Iċ-ċirkostanzi li fihom, minkejja dak li jgħid l-art. 10(1), l-assiguratur jista' jinħeles mir-responsabbiltà huma elenkati fl-art. 10(2) u (3):

    i. l-art. 10(2)(*a*) ma jgħoddx għall-każ billi l-attriċi, kif tistqarr hi stess, kienet notifikata kif trid il-liġi bil-proċeduri mibdija minn *SMS nomine* kontra Pace;

    ii. l-art. 10(2)(*b*) ma jgħoddx għall-każ għax ma sarx appell mis-sentenza kontra Pace;

    iii. l-art. 10(2)(*ċ*) ukoll ma jgħoddx għall-każ billi la ntradd iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni lill-attriċi u lanqas din ma fetħet proċeduri fiż-żmien li tagħti l-liġi dwar in-nuqqas li jintraddilha ċ-ċertifikat; u

    iv. l-art. 10(3) ukoll ma jgħoddx għall-każ għax dak is-sub-paragrafu jolqot il-każ fejn l-assiguratur jista' jħassar il-polza "minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali", *i.e.* minħabba raġunijiet li kienu ġà jeżistu meta nħarġet il-polza u

mhux – bħal fil-każ tallum – minħabba xi ħaġa – il-bejgħ tal-vettura – li seħħet wara.

10. Billi għalhekk ma hemm ebda raġuni li teħles lill-attriċi mir-responsabbiltà taħt l-art. 10 tal-Kap. 104, l-aggravju huwa miċħud.

11. L-attriċi tgħid ukoll illi ma hijiex marbuta li tħallas għax, bi ksur ta' kondizzjoni oħra tal-polza, il-konvenut Pace, is-sewwiq, kellu anqas minn ħamsa u għoxrin sena meta seħħ l-inċident. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, iżda, din ma kinitx il-premessa li fuqha huma msejsa t-talbiet tal-attriċi u għalhekk, biex jitħares id-dritt ta' difiża tal-konvenuti, din ir-raġuni ta' ineffikaċja tal-polza ma tistax titressaq f'dan l-istadju.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata.

13. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom is-soċjetà attriċi, b'dan illi l-ispejjeż tal-intervenuti jħallsuhom l-istess intervenuti fil-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr